Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-13 ta' April, 2012

Talba Numru. 859/2011

**GO plc – C22334**

**vs**

**Spiteri Christian – ID329185-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija wiehed u ghoxrin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€321.97c), in konnessjoni ma’ diversi servizzi (*AC40099980*).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti li gew mehmuza mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn “Dok. A” sa “Dok. C”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u wiehed u ghoxrin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€321.97c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------